- *Il-Qorti tissindika jekk legat hux tassew rimuneratorju*
- *piż tal-prova li l-legat mhux tassew rimuneratorju*
- *min jallega jrid jipprova kemm fatt posittiv kif ukoll fatt negattiv*
- *facilita` tal-prova u fatti fil-pussess ta' parti jistgħu jistgħu jwasslu għall-invertiment tal-piż tal-prova*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 27 ta' Settembru 2022**

**Rikors Nru. 265/2019 GM**

**Dennis Vella (K.I. nru 290568(M)); u**

**Carmen Borg (K.I. nru. 49449(M)) f' isimha personali u bħala mandatarja ta' John Vella (Passaport Awstraljan PA 5778217), u b'digriet tal-25 ta' Jannar 2021 l-atti tkomplew f'isem il-mejjet Alfred Vella a tenur tal-Art 810B tal-Kap 12, Felix Vella (Passaport Malti nru. 391914), u Alfred Vella (Passaport Malti nru. 1172035)**

**vs**

**Joseph Vella, u Dr Simon Micallef Stafrace u l-PL Katrina Zammit Cuomo li b'digriet tat-3 ta' April 2019 ġew maħtura kuraturi deputati sabiex jidhru u jiddefendu fl-interess tal-assenti Catherine Kirkwood, u b'digriet**

**tat-18 ta' Ġunju 2019 il-kuraturi ġew estromessi mill-atti tal-kawża u minflokhom assuma l-atti tal-kawża Joseph Vella (KI Nru 0469156M) bħala prokuratur tal-assenti Catherine Kirkwood.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Dennis Vella et li permezz tiegħu wara li ppremettew illi :

Dikjarazzjoni tal-Oġġett tal-Kawża

1 Nhar fid-9 ta' Frar 1994, miet Anthony Vella, missier il-partijiet. Imbagħad, nhar is-16 ta' Frar 2018, mietet omm il-partijiet, Rita Vella, mart il-ġja mejjet Anthony Vella, u detentriċi tal-karta tal-identita` nru. 0123229(M)).

2 L-aħħar testment tagħha kien dak tal-ewwel (1) ta' Frar elfejn u tlettax (2013), in atti tan-Nutar Dottor Anton Borg, f'liema t-testatriċi provdiet għal ċerti prelagati, u ħalliet mill-bqija lis-seba' (7) uliedha bħala eredi universali (Dok. 'B'). Ħalliet ukol1 lill-intimat Joseph Vella, il-legat tan-nofs indiviż tal-fond proprjeta` numru uffiċjali erbgħa u disgħin (94), ġia magħruf bħala plot sittin (60), fi Triq Napuljun Caruana Dingli, ġewwa l-Mellieħa. inkluż l-arja libera u mhux interrotta, konfinanti dan il-fond min-Nofsinhar ma' Triq Napuljun Canrana Dingli, u mill-Punent u mil-Lvant ma' beni tal-Gvern ta' Malta jew l-aventikawża, liema fond jinsab fit-territorju magħruf bħala "Ta' Pennellu, kif soġġett għaċ-ċens annwu u temporanju indikat fl-att tal-akkwist, mill-bqija liberu u frank, bid-drittijiet u 1-pertinenzi kollha tiegħu; dan, skont 1-aħħar testment. b'ringrazzjament għal xi allegati serviġi mwettqa mill-intimat Joseph Vella.

3 L-esponenti irrinunzjaw għall-wirt tal-imsemmija Rita Vella; iżda jridu illi tiġi likwidata favurihom il-porzjoni riservata spettanti lilhom skont il-liġi fuq l-eredita` ta' ommhom Rita Vella. Sejjer jiġi muri wkoll kif l-intimat Joseph Vella ma wettaq l-ebda servizzi lid-defunta Rita Vella li kienu jimmeritaw l-għoti tal-legat, u għalhekk il-legat li tħalla favur tal-intimat Joseph Vella ma hu xejn għajr att ta' liberalita` kamuffat bil-libsa ta' legat rimuneratorju. Dan biex tali legat jitqies bħala dejn tal-wirt, u għalhekk ma jiġix meqjus għall-fini tal-likwidazzjoni tas-sehem riservat spettanti lir-rikorrenli, dan partikolarment meta jitqies illi l-legat imħolli fl-aħħar testment ta' Rita Vella jirrappreżenta prattikament it-totalita` tal-assi tat-testatriċi u għalhekk jeċċedi s-sehem li setgħet tiddisponi minnu l-istess testatriċi, u allura l-istess legat huwa soġġett għar-riduzzjoni.

Talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. Tillikwida l-assi konjugali ta' Anthony u Rita Vella;

2. Tordna d-diviżjoni tal-assi f'żewġ porzjonijiet ugwali u tassenja waħda lill-assi partikolari ta' Anthony Vella, u l-oħra lill-assi partikolari ta' martu Rita Vella;

3. Tillikwida l-assi partikolari ta' Anthony Vella u tiddikjara li dawn jikkonsistu fil-porzjon tal-komunjoni tal-akkwisti lilu assenjata u f' dawk il-beni li jirriżultaw waqt il-kawża;

4. Tillikwida l-assi partikolari ta' Rita Vella u tiddikjara li din tikkonsisti fil-porzjon tal-komunjoni tal-akkwisti lilha assenjata u f'dawk il-beni li jirriżultaw waqt il-kawża;

5. Tiddividi, jekk ikun hemm bżonn, il-ġid derivanti mill-assi partikolari ta' Anthony Vella bejn dawk il-kontendenti li għandhom jedd għalihom skont it-testmenti tal-istess decujus, u fis-sehem lilhom spettanti.

6. Tiddividi dak il-ġid li jirriżulta li hu proprjeta` in komun bejn il-kontendenti jew min minnhom;

7. Tinnomina, jekk ikun hemm bżonn, perit tekniku għall-finijiet ta' likwidazzjoni u tħejjija ta' pjan ta' diviżjoni;

8. Tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni ta' dak kollu li m'huwiex kommodament diviżibbli, bl-ammissjoni ta' oblaturi estraneji;

9. Tiddikjara li l-legat imħolli favur l-intimat Joseph Vella fit-testment ta' Rita Vella tal-ewwel (1) ta' Frar elfejn u tlettax (2013), in atti tan-Nutar Dottor Anton Borg m'għandux jitqies bħala legat rimuneratorju iżda bħala att ta' liberalita`, għal kollox jew f'parti minnu;

10. Tillikwida skont il-liġi s-sehem riżervat dovut lir-rikorrenti mill-eredita` ta' ommhom Rita Vella, u dan okkorrendo bl-opra ta' perit nominandi u permezz tar-riduzzjoni tal-legat mħolli mid-decujus fit-testment tagħha tal-ewwel (1) ta' Frar elfejn u tlettax (2013), u prevja dikjarazzjoni li hu dovut li jitħallas dan is-sehem riservat lir-rikorrenti;

11. Tordna lill-intimati jew min minnhom li jħallsu lir-rikorrenti s-sehem riżervat hekk likwidat u dovut;

12. Tinnomina Nutar pubbliku għall-pubblikazzjoni tal-att relattiv u kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi kull fejn meħtieġ in konnessjoni mat-talbiet attiċi;

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' Joseph Vella K.I. 469l56M sew personalment kif ukoll bħala prokuratur speċjali ta' Catherine Kirkwood li permezz tagħha eċċepixxa illi :-

> Il-fatti kif dikjarati fl-ewwel u tieni paragrafu tal-atturi mhux kontradetti ħlief għall-allegazzjoni li l-legat ma kienx rimuneratorju u dan billi l-intimat Joseph Vella kien rrenda diversi serviġi lill-ommu u kien preċiżament sabiex tħallsu ta' dawn is-serviġi minnu resi li hija ddisponiet għal-legat li ħallietlu;
>
> Għalhekk bħala eċċezzjonijiet l-intimati qegħdin jeċċepixxu s-segwenti:
>
> 1. Huma ma għandhomx oppożizzjoni għal qsim tal-wirt ta' missierhom salv il-verifika tal-kwoti u tal-konsistenza tal-istess assi;
>
> 2. Fir-rigward tar-rinunzja tal-wirt tal-omm Rita Vella r-rikorrenti jridu jagħmlu prova ta' din ir-rinunzja;
>
> 3. Fir-rigward ta' ommhom Rita Vella l-esponent ma jopponix ruħu għal-likwidazzjoni u ħlas tal-leġittima reklamata mir-rikorrenti salv il-verifika tal-eredita` ta' Rita Vella u salv li l-legat lilu mħolli kien wieħed rimuneratorju u għalhekk ma għandux jingħad mall-wirt jew fil-kalkolu tal-istess wirt għandu jitnaqqas id-djun tal-istess wirt għall-serviġi resi lid-defunta;

Rat ir-Risposta tal-Kuraturi Deputati l-Av. Simon Micallef Stafrace u l-PL Katrina Zammit Cumbo li b'digriet tat-3 ta' April 2019 ġew maħtura sabiex jidhru u jiddefendu fl-interess tal-assenti Catherine Kirkwood li permezz tagħha eċċepew illi :-

> L-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u għalhekk qegħdin jirriservaw d-dritt li jippreżentaw risposta motivata f'każ u jekk jiġu edotti mill-fatti.

Din hija kawża għal-likwidazzjoni u qsim tal-assi tal-ġenituri tal-kontendenti Anthony u Rita li mietu fid-9 ta' Frar 1994 u 16 ta' Frar 2018 rispettivament. B'testment tat-2013, Rita istitwiet lil uliedha kollha werrieta u lil binha Joseph Vella, issa konvenut, ħallietlu b'legat sehemha mid-dar 94 fi Triq Napuljun

Caruana Dingli, l-Mellieħa, bi ħlas talli dar biha. L-atturi rrinunzjaw għall-wirt t'ommhom iżda jridu li tiġi likwidata favurihom il-porzjoni riżervata. Isostnu fir-Rikors Maħluf li "se jiġi muri… kif" Joseph "ma wettaq l-ebda servizzi lid-defunta Rita Vella li kienu jimmeritaw l-għoti tal-legat" li għalhekk il-legat, li jirrappreżenta kważi l-assi kollu tal-omm, "ma hu xejn għajr att ta' liberalita` kamuffat bil-libsa ta' legat rimuneratorju".

Fir-Risposta Ġuramentata, il-konvenuti m'opponewx għat-talbiet tal-atturi, "salv li l-legat lilu mħolli kien wieħed rimuneratorju".

Ġie stabbilit sa minn żmien twil ilu mill-ġurisprudenza li d-dikjarazzjoni li jagħmel it-testatur li l-legat hu rimuneratorju, u l-kriterji tiegħu fid-determinazzjoni tal-kumpens, mhumiex insindakabbli, u l-Qorti għandha dejjem is-setgħa li tara jekk il-legat huwiex tassew rimuneratorju[1], u jekk jirriżulta fl-affermattiv, huwiex sproporzjonat għas-serviġi prestati mil-legatarju.[2] Naturalment, id-dikjarazzjonijiet tat-testatur huma element ta' prova, forsi wkoll qawwija, iżda mhux dejjem u bilfors huma biżżejjed.[3]

Stabbilit li l-kelma tat-testatur mhix vangelu, iqum il-kweżit: fuq min jaqa' l-piż tal-prova li l-legat ma kienx tassew wieħed rimuneratorju, kif iddikjarat fit-testment ta' Rita? L-atturi, almenu fir-Rikors Maħluf, jidhru li jeħduha bħala skontata li l-piż tal-prova kien fuq spallejhom; għalkemm imbagħad fin-nota ta'

[1] Grezzju Mifsud v. Giorgia Mifsud 10.04.2003 Prim'Awla. 2290/1996/1GCD: "Ma jistax testatur jegħleb id-disposizzjonijiet tal-liġi dwar il-leġittima billi sempliċiment jikkwalifika legat bħala rimuneratorju. Għalhekk irridu naraw safejn il-legat tassew hu rimuneratorju".
[2] Giuseppe Pirotta v. Maria Preca 15.05.1939 Appell Ċivili; Vincenzo Attard v. Michelina Agius 31.10.1952 Kollez. XXXVI.ii.540.
[3] Michael Vella v. Salvu Vella 12.02.2016 Qorti tal-Appell.

sottomissjonijiet donnhom jieħdu pożizzjoni differenti huma u jiċċitaw il-ġurisprudenza.

Skont **Art. 562** tal-Kap 12, **"Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah".** Prinċipju dan ferm antik, li jmur lura tal-inqas sal-liġi Rumana li skontha *ei incumbit probatio, qui dicit.*[4] Insibuh bħala prinċipju kemm tad-dritt kontinentali kif ukoll tal-*common law* Ingliża.

Min jippretendi xi ħaġa, jipprova jħott pożizzjoni ta' fatt li jqisha mhux konformi mad-dritt oġġettiv. Id-dritt jinkoraġixxi l-istabbilita` paċifika. Mingħajr din l-istabbilita` l-konsorzju soċjali jkun f'taqbida kontinwa. L-istabbilita` timplika l-inerzja. Min irid ineħħi l-istat ta' inerzja, jinħtieġ ikollu l-enerġija leġittima meħtieġa sabiex iġib it-tibdil mixtieq. Għalhekk irid jieħu hu l-isbriga li jressaq l-evidenza li ttendi li tipprova l-każ tiegħu. Il-konvenut jista' joqgħod passiv u ma jagħmel xejn.

L-Art. 562 suċċitat ma jiddistingwix bejn fatt pożittiv u fatt negattiv. Il-fatt jista' jkun kemm pożittiv kif ukoll negattiv; xorta waħda jrid jippruvah min jallegah.

L-istess Art. 562 ma jsemmix li jrid jipprova l-attur. Għalkemm normalment huwa l-attur li jkun irid il-bidla, ħafna drabi l-konvenut, minflok li sempliċiment jiċħad il-fatt allegat mill-attur, jafferma fatt ieħor hu. Hekk per eżempju fl-azzjoni ta' rivendikazzjoni ta' fond, li l-attur jafferma li jkun tiegħu b'titlu ta'

[4] L.2 ff. *de probat.*, XXII,3.

wirt, il-konvenut li jeċepixxi l-preskrizzjoni akkwiżittiva jrid jipprova l-fatt ta' pussess leġittimu ta' oltre 30 sena mhux interrott.

F'din il-kawża, l-atturi qegħdin isostnu li l-legat ma kienx tassew wieħed rimuneratorju, kif affermat fit-testment ta' Rita, għax il-konvenuti ma pprestalha l-ebda serviġi. Kwindi l-atturi qegħdin jaffermaw fatt negattiv.

Dawn il-Qrati kellhom diversi okkażjonijiet li jitrattaw id-determinazzjoni tal-piż tal-prova fil-materja ta' impunjazzjoni ta' legati allegatament rimunerattivi.

F'każ li jmur lura għas-sena 1925, Raffaele Darmanin ħalla għadd ta' legati lil familjari tiegħu talli daru bih wara li martu Rosa abbandunat id-dar konjugali. Meta mietet Rosa talbet il-likwidazzjoni tal-assi konjugali; b'nofsu jiġi assenjat lilha u nofsu lill-eredita` ġjaċenti ta' żewġha, u dan "*previo l'annullamento di tutte le disposizioni testamentarie fatte da esso Darmanin*". Fiċ-ċitazzjoni l-attriċi ma semmietx raġunijiet għat-tħassir tal-legati; iżda waqt il-kawża ressqet diversi raġunijiet; fosthom li s-serviġi mhux veru ġew resi jew li ma kienx ħaqqhom il-kumpens riprodott fil-legati. **Il-Qorti xeħtet il-piż tal-prova ta' din l-allegazzjoni fuq l-attriċi:**

> *Che l'attrice, **a cui incomberebbe la prova**[5], non dimostra nulla contro la dichiarazione del marito per riguardo ai compensi dovuti, sia per riguardo alla realta' quanto per riguardo alla quantita' dei debiti che esso di lei marito ha inteso soddisfare coi detti legati, e **pertanto ella non dimostra che relativamente a tali legati esso Raffaele Darmanin abbia palliato una disposizione a titolo gratuito** o che questi sia responsabile per mala gestione ai termini di legge.*[6]

[5] Enfasi miżjuda minn din il-Qorti.
[6] Darmanin Rosa v Copperstone Sacerdote Don Angelo 13.08.1925 PA[FB] XXVI.ii.156

Jidher iżda li l-ġurisprudenza iktar riċenti poġġiet il-piż tal-prova fuq spallejn il-legatarju, abbażi tal-prinċipju tar-*reus in excipiendo fit actor* kif ukoll abbażi tal-prinċipju tad-diffikulta` li l-eredi jġib il-prova dwar l-entita` tas-serviġi:

**12.** "Il-ħtieġa illi l-konvenuti jagħmlu l-prova tan-natura rimuneratorja tal-legati hija konsegwenza tal-prinċipju illi *reus in excipiendo fit actor*. Is-sehem riżervat tal-wirt jinħadem fuq *ir-relictum et donatum* kollu; jekk issa **l-konvenuti** qegħdin jgħidu illi dak imħolli lilhom ma għandux jitqies, għax huwa ħlas ta' dejn lilhom u għalhekk jiġi paċjut mal-passiv, **iridu jagħmlu l-prova ta' dak li qegħdin jgħidu.**

13. "U lanqas ma huwa konkluživ il-fatt illi fit-testment jingħad illi l-legat huwa rimuneratorju; li kieku d-dikjarazzjoni tat-testatur kienet determinanti u konklużiva, **kien ikun faċli wisq għat-testatur illi jevadi d-disposizzjonijiet dwar is-sehem riżervat** bil-fatt biss li jgħid illi l-legat huwa rimuneratorju".[7]

Interessanti li fis-sentenza li minnha ġiet riprodotta s-silta appena ċċitata, il-Qorti tal-Appell, proprju minħabba li ddeċidiet li l-piż tal-prova tas-serviġi jaqa' fuq il-konvenut, aċċettat li l-provi jiġu regolati b'mod differenti mis-soltu, billi l-ewwel l-atturi-legittimarji jressqu l-prova tal-konsistenza tal-assi; imbagħad il-konvenuti jressqu l-provi dwar il-konsistenza tas-serviġi; u wara l-atturi jressqu l-provi biex jikkontestaw ix-xhieda tal-konvenuti.

Il-ġurisprudenza Ngliża daħħlet ħafna eċċezzjonijiet u addattamenti għall-prinċipju li min jallega fatt irid jippruvah, fosthom meta l-allegazzjoni *"lies peculiarly within the knowledge"* ta' xi waħda mill-partijiet.[8] Skont kittieb riċenti, *"some judges have tended to regard peculiar knowledge and ease of proof as independent reasons in justifying a reverse onus".*[9] L-istess pożizzjoni tinstab fl-ordinamenti tas-*civil law.*[10]

Ir-regola Maltija dwar l-allokazzjoni tal-piż tal-prova hija waħda pjuttost assoluta; l-uniċi derogi jista' jagħmilhom biss il-leġislatur. Fil-fehma ta' din il-

---

[7] Michael Vella v. Salvu Vella 12.02.2016 Qorti tal-Appell (Superjuri).
[8] A Treatis on the Law of Evidence as Administered in England and Ireland, by Pitt Taylor 1931, Vol I, para.376.
[9] I.H. Dennis, The Law of Evidence, , 7th ed. (2020) para 11-029.
[10] Michele Taruffo, *La Prova nel Processo Civile* (2012) paġni 249, 250.

Qorti, jekk wieħed kellu jimxi strettament mal-**loġika**, wieħed jasal għall-konklużjoni li min jallega li legat, iddikjarat rimuneratorju mit-testatur, huwa donazzjoni moħbija, irid jipprova l-allegazzjoni tiegħu. Il-piż m'għandux idur fuq il-konvenut in kwantu dan ma jkunx qiegħed jallega l-ebda fatt ġdid imma sempliċiment jiċħad il-fatt (negattiv) allegat mill-attur. M'għandux ikun il-konvenut li għandu jipprova li l-legat huwa tassew rimuneratorju.

U jekk wieħed kellu jimxi strettament mal-liġi Maltija, id-diffikulta` li wieħed jipprova dak li jallega, u l-faċli disponibilita` tal-prova għand il-kontroparti, mhix aċċettata bħala eċċezzjoni għar-regola li min jallega jrid jipprova. B'danakollu, il-ġurisprudenza Maltija hi dik li hi u l-Qorti ma tarax li għandha tiddiskosta ruħha minnha, anke għaliex dawn il-Qrati setgħu iddevjaw mill-ittra riġida tal-liġi u min-normi stretti tal-loġika f'eżerċizzju ta' ekwita` u b'mod konformi mal-eċċezzjonijiet introdotti kemm fil-*common law* Ngliża (fonti tad-dritt probatorju Malti) kif ukoll fl-ordinamenti tas-*civil law*. Ir-riġidita` tal-liġi hi frott aktarx ta' nuqqas ta' ħsieb hekk kif ir-regola ġiet trasposta mill-*common law* li mhix miktuba, u li giet mfassla u elaborata mill-ġurisprudenza, għal-liġi statutorja u statika f'Malta.

Biex il-Qorti tiddetermina l-parti verament rimuneratorja u l-parti gratuwita` ta legat, il-valur tas-serviġi jiġi kkalkolat skont is-soliti kriterji. Bit-tħaddim tal-kriterji mfassla minn din il-Qorti f'każijiet oħrajn f'dan ir-rigward, il-Qorti qiegħda tqis il-grad ta' qrubija bejn l-appellanti u dawk li gawdew mis-serviġi, il-livell ta' impenn involut, il-fatt li min ta s-serviġi huwa wkoll werriet tal-ġid ereditarju mgħobbi bid-dejn, is-siwi u l-ħtieġa tas-serviġi lill-persuni li lilhom ingħataw, is-sagrifiċċju u ċ-ċaħdiet li l-għoti tas-serviġi kien jitlob mill-mod tal-ħajja ta' min tahom, il-mezzi li kellhom il-persuni mgħejjuna, jekk l-infieq

kienx jinħareġ mill-persuni li lilhom saru s-serviġi u t-tul ta' żmien li damu jingħataw.[11]

Il-provi f'din il-kawża tressqu b'mod partikolari. L-atturi nfushom ma xehdux; xehdu biss żewġt ulied tal-attriċi Carmen Borg. Speċi marru għall-attakk permezz ta' *proxy war*. Il-konvenut ma sarlux kontro-eżami; u l-konvenut m'għamilx kontro-eżami tan-neputijiet. Saru biss miż-żewġ naħat xi kontro-eżamijiet ta' xhieda barranin. Il-partijiet iddikjaraw li l-fatt li m'għamlux kontro-eżamijiet ma jfissirx li kienu qegħdin jaċċettaw ix-xhieda *de quo*.

Il-konvenut ittella' "in subizzjoni" jew aħjar bħala xhud tal-atturi. Iktar tard ta' x-xhieda tiegħu bil-mezz tal-affidavit. L-atturi m'għamlux kontro-eżami tal-konvenut u l-konvenut m'għamilx kontro-eżami.

Id-dibattitu f'din il-kawża kien iffukat fuq il-legat rimuneratorju favur il-konvenut. Għal dak li jirrigwarda l-assi tal-missier, Anthony Vella, il-Qorti jkollha tistrieħ fuq dak iddikjarat fil-provenzjenza fil-kuntratt ta' bejgħ tal-fond 235 ġja` 57 fi Triq il-Mitħna l-Ġdida Mellieħa esibit fl-atti,[12] imnejn jirriżulta li s-suċċessjoni tiegħu kienet irregolata bit-testment unica charta ma' martu tal-4 t'Ottubru 1988 li fih ħatar lil uliedu kollha werrieta universali u ħalla l-użufrutt lil martu Rita. Il-fond 235 kien ġie akkwistat minn Antonio u Rita b'titlu ta' rendita vitalizja. Ma jirriżultax il-fond 94 (ġja` 60) Triq Napuljun Caruana Dingli lil min kien jappartjeni. Il-partijiet jaċċettaw li ommhom Rita kellha n-nofs indiviż u għalhekk billi din kienet id-dar matrimonjali preżumibilment missierhom kellu n-nofs l-ieħor.

Il-fond 235 inbiegħ lil terzi wara li Rita rrinunzjat għall-użufrutt, u r-rikavat inkluż sehem Rita inqasam indaqs fost is-sebat aħwa, wara li tnaqqsu xi

[11] Angelo Zerafa v Michelina Azzopardi 27.03.2020 Qorti tal-Appell (Superjuri) para. 72.
[12] Fol 2121

ammonti aktarx għas-servizzi resi lil Rita minn tlieta mill-aħwa qabel iddaħħlet l-isptar, kif sejjer jiġi spjegat.

Il-konvenut xehed li huwa dejjem ħa ħsieb bil-ġenituri tiegħu; għax uħud mill-aħwa kienu emigrati l-Awstralja; Dennis kien joqgħod Raħal Ġdid, u Carmen ma kinitx tkellem lil ommha u lil missierha għax riedet il-wirt tagħhom. It-tfal tiegħu Ismael u Antonella kienu jmorru jorqdu għand ommu u jgħinuha fit-tindif tad-dar. Darba, meta Joe kien daħħal lil missieru l-isptar, Robert Borg, bin Carmen, ħebb għalih u taħ daqqa ta' ponn f'wiċċu. Meta missier il-partijiet kien fuq is-sodda tal-mewt, Carmen marret iżżuru iżda missierha kien keċċiha 'l hemm.

Kienet infetħet kawża minn terzi fost oħrajn kontra l-ġenituri tal-partijiet rigward il-wirt tan-nanna. Skont il-konvenut, Carmen telgħet tixhed kontra Rita billi qalet li mhux veru li l-ġenituri kienu jduru bin-nanniet. B'konsegwenza tal-kawża, Anthony u Rita rebħu sehem mill-post tan-nanna (wirt minn ta' missier il-kontendenti). Meta nstab il-bejgħ tiegħu l-atturi għajr Catherine irrifjutaw li jiffirmaw kemm-il darba ommhom ma tagħthomx sehemha. U hekk sar fil-fatt. Dejjem skont il-konvenut, l-omm kienet ferm iddispjaċuta dwar dan.

Il-konvenut fl-affidavit tiegħu kompla jgħid li dejjem dar b'ommu. Iddaħħlet *home* meta wliedu, li kienu jorqdu magħha, iżżewġu u ma setgħux ikomplu jorqdu magħha. Il-*home* kien iżurha darba kuljum: bejn 1.45 u 2.30 p.m. meta kien ikun xogħol il-lukanda; meta jkun off imur bejn 8 u 9 p.m. u ġieli kien imur iktar minn darba.

Kien jagħtiha l-ħwejjeġ li taħsel martu. Dan wara li Carmen, li kienet taħsilhom hi, iddeċidiet li jibdew jaħsluhom tal-home. Kien jeħdilha l-ikel u anke ġieli biddlilha l-ħarqa, u jeħodha l-isptar għall-visti. Meta jsiefer darba fis-sena, kien jaħseb għall-bżonnijiet ta' ġimgħa sħiħa u jqabbad lil uliedu jżuruha huma. Xtralha mobajl b'numri kbar, li kien jiddendel m'għonqha, biex iċemplulha t-tfal tal-Awstralja.

Ħuħ li għandu l-ħanut tal-grocer il-Mellieħa qajla kien imur jaraha; Carmen ftit li xejn.

Rita għamlitlu prokura.

Skont skrittura li l-partijiet u Rita għamlu fis-17 ta' Novembru 2008, ftiehmu li l-aħwa li jgħixu Malta – għax uħud kienu msifrin - jorqdu magħha bil-lejl bir-roster u li ta' dan Rita tħallashom €163 fix-xahar kull wieħed.[13] Bi skrittura oħra tal-istess ġurnata, iffirmata minn Rita, Joseph Carmen u Dennis, ġie ddikjarat li mir-rikavat tal-bejgħ ta' 57 New Mill Street Mellieħa Rita **kienet sejra tagħti** (mhux li kienet qiegħda tagħti) donazzjoni ta' €2,330 kull wieħed lil ulied u €6,988 lil Ismael Vella "bħala kumpens talli kien jorqod magħha".[14]

Ismael Claude Vella, bin il-konvenut, u prodott minnu bħala xhud, qal li l-atturi kienu jiġġieldu m'ommhom Rita u ma kinux jitkellmu. Missieru biss kien jieħu ħsieb. Ismael kien jorqod magħha.

[13] Fol 120.
[14] Fol 122.

Graziella Borg, bint l-attriċi Carmen, xehdet li f'xi żmien kienet taħsel lil Rita, u taħslilha l-art. Ta' dan Rita kienet tħallasha €20 għalkemm Graziella ma kinitx tippretendi ħlas. Kienet torganizzalha l-pilloli. Filgħaxijiet Graziella kienet teħodha għand il-ġenituri tagħha biex ma tħosshiex waħedha.

Mariella Attard Borg, bint oħra ta' Carmen, xehdet li kienet għamlet żmien toqgħod f'appartament taħt id-dar ta' Rita. Darba kellha tirrapporta lil tas-sanita` meta, kawża ta' ħmieġ tal-annimali li l-konvenut kien beda jżomm għand Rita, il-ġjardina ntliet bil-ġrieden[15].

Rita daħlet id-dar tal-anzjani tal-Mellieħa fil-23 ta' Marzu 2010.

Fl-istess dar tal-anzjani inzertaw jaħdmu Graziella u Mariella bħala *nursing aides.*

Graziella qalet li Joe kien jgħajjat mal-istaff tal-home. Hekk għamel ukoll fil-waqtiet li Rita kienet tkun l-isptar Mater Dei. Joe jiċħad dan. Għall-bidu, Carmen kienet taħsel hi l-ħwejjeġ t'ommha; imbagħad Joe beda jinsisti li jaħsilhom hu. Joe jagħti verżjoni kemmxejn differenti. Jgħid li beda jaħsilhom hu (jew aħjar martu) wara li Carmen irrifjutat li tkompli taħsilhom hi. F'xi żmien Rita kellha bidu ta' demenzja u Carmen qabbdet lill-espert tal-anzjani, ċertu Dr. Ferry, biex jinvistaha u jassistiha. Tgħid li Joe ma ħax pjaċir b'dan.

[15] Fol 135.

Mariella Attard Borg xehdet li talbet biex tkun allokata fis-sala fejn kien hemm Rita fil-*home,* sabiex tgħinnha sewwa. Kellha argument ma' Joe dwar il-*wheelchair*, għax insistiet li nannitha tkompli timxi bl-għajnuna tal-*walking chair*. Kienet teħodha *outings* flimkien ma' anzjani oħra u kienet titlob il-flus meħtieġa għal dawn mingħand Joe.

Rose Xuereb, *nursing aid* fil-*home,* prodotta mill-konvenut, xehdet li lill-partijiet kienet tarahom kollha jżuru l-*home*. Antoine Borg, li ħadem fil-*home* bejn 2009 u 2018 jgħid li ġieli ra lil Carmen Borg iżda Joe kien imur kuljum, tant li kien kważi punt ta' riferenza.[16] Antonia Caruana, *care worker* kienet tara kemm lil Carmen kif ukoll lil Joe; iżda Joe kien imur iktar minn Nina; kważi kuljum.[17] Ma tafx iżda min kien jieħu lil Rita l-isptar.[18]

It-testment li bih ħalliet il-prelegat ta' sehemha mid-dar konjugali lill-konvenut, Rita Vella għamlitu fl-1 ta' Frar 2013. Mietet fis-16 ta' Frar 2018.

Rita ddaħħlet il-*home* fit-23 ta' Marzu 2010 u baqgħet hemm sakemm mietet fis-16 ta' Frar 2018; ċjoe` kważi 8 snin. Għalkemm l-attur jidher li kien idum tliet kwarti kuljum, il-Qorti sejra ttih siegħa kuljum biex tpatti wkoll għall-iskariġġ u l-okkażjonijiet meta ħa lil ommu l-isptar, u servizzi oħra li seta' rrenda bħala prokuratur tagħha. Għalhekk għamlet dawn il-kalkoli approssimattivi:

---

[16] Fol 2136.
[17] Fol 2322.
[18] Fol 2324.

7 sigħat fil-ġimgħa x 52 ġimgħat fis-sena x 8 snin @ €4.2 medja tal-paga minima nazzjonali bejn 2010 u 2018 = €12,230.40.

Ikel u skariġġ: €50 fil-ġimgħa x 52 ġimgħat fis-sena x 8 snin = €20,800.

Ħasil tal-ħwejjeġ: €15 x 52 x 8 = €6,240.

Matul iż-żmien li fih Rita kienet fil-*home* t-total jiġi **€39,270.**

Il-Qorti qiegħdha tikkalkula li s-servizz tal-ikel u l-ħwejjeġ kien matul il-perjodu kollu anke jekk għal xi żmien – li l-Qorti m'għandha l-ebda ħjiel tiegħu – kienet l-attriċi Carmen li kienet taħsel il-ħwejjeġ; u kienet f'xi żmien teħdilha l-ikel ukoll.

Il-Qorti qiegħdha wkoll tassumi li bejn l-iskrittura tat-2008 u d-dħul ta' Rita fil-home, Carmen Borg, Dennis Vella u Joseph Vella lkoll irrendewlha serviġi. Dan għaliex fil-konvenju tas-17 ta' Jannar 2013, dwar il-bejgħ tal-fond tan-nanna tal-partijiet, hemm miktub (klawżola 12) li l-aħwa Dennis, Carmen u Joe jieħdu €2,330 "**peress li din is-somma hija dovuta**" lilhom. Mhux imsemmi għal xiex kienet dovuta din is-somma, għalkemm, jekk wieħed jikkalkula r-rata miftiehma kuljum fl-iskrittura tar-roster, jasal preċiżament għal dan l-ammont kull wieħed. Bħala tali, Klawżola 12 isservi bħala ammissjoni mill-konvenut li sakemm iddaħħlet fid-dar tal-anzjani, it-tlett aħwa kienu qegħdin iduru biha. – il-konvenut jistqarr, fin-nota ta' sottomissjonijiet, li dawn effettivament kienu

donazzjonijiet fil-konfront ta' Carmen u ta' Dennis. Dan iżda ma jistax jgħidu, *għaliex contra scriptum testimonium, non scriptum testimonium non fertur.*

Jidher li qabel iddaħħlet il-home, tassew li l-konvenut irrendielha xi serviġi għalkemm m'hemmx prova ċara u konvinċenti li kien hu biss li jirrendi tali serviġi – tramite wliedu, speċjalment Ismael – għaliex jidher li anke l-atturi l-oħrajn li kienu residenti Malta taw dan is-servizz – Carmen anke tramite wliedha. Dan għaliex minkejja li ma jidhirx li Carmen kellha relazzjoni wisq tajba mal-ġenituri, ma jidhirx li abbandunathom għal kollox. Xhieda ta' dan hemm l-iskrittura tas-sena 2008 – li saret wara li kienet inqatgħet mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar 2007 il-kawża li jsemmi l-konvenut.[19]

Għalhekk, il-Qorti sejra tillikwida *arbitrio boni viri* l-valur tas-serviġi reżi mill-konvenut fis-somma ta' €45,000.

Jitnaqqsu wkoll €2,789.22 spejjeż tal-funeral imħallsa mill-konvenut u €50 santi mħallsa mill-attriċi Carmen.

Il-Perit Tekniku ikkalkula l-valur tal-fond 94 Triq Napuljun Caruana Dingli fis-somma ta' €465,000 fid-data tal-mewt ta' Rita u €550,000 meta għamel ir-relazzjoni fid-9 ta' Marzu 2020.

[19] Kopja informali esibita a fol 2383 tal-proċess.

Il-kont HSBC *savings* f'isem Rita huma qabel mietet u ċjoe` fil-15.02.2018 kellu bilanċ ta' €3,310.38. Fit-23 March 2021 l-bilanċ niżel għal €228.18.[20]

| Kwantifikazzjoni tal-leġittima | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Assi ta' Rita Vella | | | | |
| Attiv € | | Passiv € | | Bilanċ *net* € |
| ½ Dar konjugali | 232,500.00 | serviġi | 45,000.00 | |
| HSBC | 3,310.38 | funeral | 2,789.22 | |
| ½ rikavat net mid-dar tan-nanniet | 45,247.07 | santi | 50.00 | |
| Total Attiv | 281,057.45 | Total passiv | 47,839.22 | 233,218.23 |
| | | | Leġittima (1/2) | 116,609.12 |
| | | | Kull wild (1/7) | 16,658.45 |
| | | | Tnaqqis ta' donazzjoni (1/2 ta' €12,927.73 li rċevew mal-bejgħ tad-dar tan-nanniet) | 6,463.87 |
| | | | Bilanċ | 10,194,58 |

***Decide***

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' talba billi tillikwida l-assi konjugali ta' Anthony Vella f'nofs indiviż tal-fond 94 Triq Napuljun Caruana Dingli, Mellieħa tal-valur ta' €275,000; bin-nofs l-ieħor jappartjeni lil Rita Vella flimkien mad-depożitu fl-HSBC fuq indikat.

---

[20] Fol 727.

2. Tilqa' l-ħames u s-sitt talbiet fis-sens li tiddikjara lil kull wieħed mill-partijet f'din il-kawża għandu sehem ta' 1/7 mill-ġid tal-missier Anthony Vella.

3. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tas-seba' talba billi nnominat Perit fil-mori tal-kawża.

4. Tilqa' t-tmien talba billi tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni tal-fond 94, Triq Napuljun Caruana Dingli b'dan illi (i) fl-irkant taħt l-awtorita' tal-Qorti l-ewwel offerta m'għandhiex tkun anqas minn €500,000, (ii) huma ammessi obblaturi estranei, (iii) l-atturi flimkien fuq naħa u l-konvenut fuq naħa oħra huma awtorizzati illi jġibu avviżi dwar il-bejgħ bl-irkant fuq il-midja soċjali u fil-ġurnali bi dritt li kull naħa tirkupra mir-rikavat sa massimu ta' mitt ewro (€100) qabel issir id-diviżjoni tar-rikavat, u (iv) ir-rikavat tal-bejgħ b'liċitazzjoni jiġi diviż bejn il-partijiet skont is-sehem rispettiv tagħhom wara li jitnaqqsu u jinżammu depożitati taħt l-awtorita' tal-qorti kwalunkwe *capital gains tax* dovuta in relazzjoni ma' dan il-bejgħ u jiġi notifikat il-Kummissarju tat-Taxxi a karigu tar-Reġistratur tal-Qorti.

5. Tilqa' in parte d-disa' talba billi tiddikjara li l-legat imħolli favur il-konvenut Joseph Vella fit-testment ta' Rita Vella tal-ewwel (1) ta' Frar elfejn u tlettax (2013), in atti tan-Nutar Dottor Anton Borg m'għandux jitqies bħala legat rimuneratorju iżda bħala att ta' liberalita`, għajr għall-valur ta' €45,000.

6. Tilqa' l-għaxar talba billi tillikwida skont il-liġi s-sehem riżervat dovut lir-rikorrenti mill-eredita` ta' ommhom Rita Vella kif fuq indikat; tordna r-riduzzjoni tal-legat mħolli mid-decujus fit-testment tagħha tal-ewwel (1) ta' Frar elfejn u tlettax (2013) kif fuq spjegat, u tiddikjara li għandu jitħallas lil kull wieħed mill-atturi s-somma ta' €10,194,58 kif fuq spjegat għas-saldu tas-

sehem riservat tagħhom mill-ġid ta' Rita Vella. Bl-imgħax legali ta' 8% fis-sena mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv.

7. Tilqa' l-ħdax-il talba billi tordna lill-konvenuti jħallsu lill-atturi s-sehem riżervat hekk likwidat u dovut.

8. Tiċħad it-tnax-il talba.

Spejjeż ¼ għall-atturi ¾ għall-konvenuti.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA